**KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA**
**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**
**TEL: 2168 0622**
**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**
**WEBSITE: www.mqabba.gov.mt / www.lc.gov.mt**

Minuti tas-seduta numru ħamsa u sittin, (65), tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM), li nżammet nhar it-Tlieta, 13 ta' Settembru, 2016 fis-6.15pm fil-Bini Amministrattiv tal-KLM.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dr Charlene Zammit | Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Viċi Sindku |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Michel Farrugia | Kunsillier |
| | Nikolai Farrugia | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |
| | Anthony Bonello | Segretarju Ezekuttiv (SE) |
| Skużata: | Anita Farrugia | Kunsillier |

1. Is-Sindku ippresediet il-laqgħa u qalet it-talba.

2. Is-SE qara l-minuti tas-seduta preċedenti u dawk sarulhom il-korrezzjonijiet li xtaqu l-kunsillieri, kienu approvati u ffirmati.

**Punti mill-Minuti:**

3. Is-Sindku tkellmet ma' Kevin Zahra li hu responsabbli mit-Trasport Pubbliku dwar il-problema tat-*Terminus* li nħoloq mingħajr l-approvazzjoni tal-KLM fi Triq Karmenu Ciantar. Kevin Zahra qalilha illi dment li mhux se jkun hemm devjazzjoni maġġuri fir-rotta u għalhekk m'hemmx spejjeż addizzjonali, aktarx li t-talba tagħna se tiġi milqugħa mill-operatur.

4. Kien hemm diskussjoni fuq il-frekwenza tat-trasport publiku numru 72 għaliex kuntrarjament għal dak li kien imwiegħed, dawn qed jgħaddu kull nofs siegħa u mhux kull għoxrin minuta. Il-kunsillieri qalu li dan mhux aċċettabbli issa li l-iskeda tax-xitwa se tkun inawgurata dal-waqt. Għaldaqstant issa wasal il-mument illi tkun organizzata laqgħa mal-Onor Joe Mizzi ħalli nuruħ b'dawn il-problemi. Ir-rotta 74 baqgħet ukoll tgħaddi kull siegħa minn Triq Ħal Farruġ. Il-kunsillieri nsistew li matul din il-laqgħa ssir enfasi fuq l-immaniġjar tat-traffiku biex jaqsmu l-*pedestrians* fil-*by-pass* quddiem Triq Karmenu Ciantar u dwar dan se naraw nikkuntattjawx lid-Direttur Generali tax-Xogħlijiet il-Perit Ray Farrugia li kien preżenti għal-laqgħa mal-Onor Joe Mizzi. Intant Charlene Zammit qalet illi kellha laqgħa mas-Sur Johan Tonna dwar il-ħsara kkaġunata fuq il-lamp post ta' Triq Karmenu Ciantar kantuniera mal-Pjazza tal-Knisja u filwaqt li hu lest li jħallas għal nofs l-ispiża, dan qalilha illi jekk it-*terminus* se jibqa' fl-istess post, ċertament li se jerġa jintlaqat. Intant il-ħaddiema waħħlu *cone* fuq il-bażi tiegħu li għad għandha il-boltijiet 'il fuq, biex ħadd ma jweġġa'. Il-kunsillieri qablu li is-Sur Johan Tonna għandu jħallas dak dovut sabiex inkunu nistgħu nixtru l-arblu tad-dawl dekorattiv.

5. Is-Sindku qalet illi fl-aħħar laqgħa li kellha ma' *Projects Malta*, kien stabbilit illi l-ġibjun il-miftuħ hu responsabbilita' tad-Dipartiment tal-Artijiet, li minn naħa tagħhom talbuna li nindirizzaw it-talba tagħna lill-Onor Konrad Mizzi, Ministru fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

6. Il-kunsillieri saħqu sabiex tintbgħat talba lill-*Environment Landscapes Consortium* sabiex jinżabru sew is-siġar li hemm fil-Pjazza quddiem iċ-ċimiterju tal-Imqabba fi Triq Ħal Kirkop, tinżabar il-*hedge* li hemm fil-ġnien f'Misraħ il-Missjoni ż-Żgħira u tinħarat il-

ħamrija u jsir il-knis tal-ġnien u titbaxxa l-*hedge* li hemm fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija viċin id-daħla (ta' Triq l-Imterrqa) għaliex ħadd ma jista' jara 'l min ikun ġej fuqu.

7. Is-Sindku qalet li rridu naraw x'se nagħmlu fuq xogħlijiet li saru ħazin mill-kuntrattur li għamel il-*major patching* fil-leġislatura preċedenti speċjalment fi Triq il-Mitħna, fejn qed iżżomm għadira kbira. Hija ssuġġeriet illi l-kuntrattur tal-*patching* preżenti, *Elle's Urban Services,* jista' jgħidilna x'se jkun qed jipproponi bħala alternattiva.

8. Is-Sindku qalet illi l-propost ġemellaġġ maħdum fuq €5,000 bejn ħamsa u għoxrin persuna hu ekwivalenti għal *circa* €200 kull persuna, li jridu jagħmlu tajjeb għat-titjiriet u l-akkomodazzjoni. Għaldaqstant se jkun diffiċli ħafna illi *noħorġu* sakemm ma jkunx hemm imħaddem il-prinċipju tal-*hosting* tal-familji. Hija qalet dan meta ħadmet fuq l-iskeda pprovduta mil-Kap tal-Meusac (taqsima fondi tal-Unjoni Ewropeja) Ms Mandy Falzon. Intant il-kunsillieri qalu illi fl-Imqabba m'hawnx il-kultura li l-familji jilqgħu lil familji oħra bħalma sirna nafu li jagħmlu Għajnsielem fil-każ tal-ġemellaġġ tagħhom ma' *Tolfa*. Michel Farrugia qal illi l-propost ġemellaġġ tajjeb li jkollu it-tema tal-kultura u wkoll jinħtieġ li jkun abbinat mal-barrieri.

9. Għal ħarġa t'Għawdex organizzata mill-KLM marru mal-grupp ta' tmenin persuna il-Viċi Sindku u s-SE. Huma qalu li dan kien wieħed tajjeb ferm u ġie apprezzat minn dawk preżenti, speċjalment il-mawra fiċ-Ċittadella hekk kif din kienet restawrata mill-Gvern.

10. Kien deċiż illi l-KLM jorganizza *Afternoon Tea* bla ħlas nhar is-16 ta' Ottubru fis-2.00pm dejjem jekk tkun milqugħa t-talba tagħna sabiex nutilizzaw il-*basement* tal-Iskola Primarja tal-Imqabba u nħallsu tal-purtinar talli jiftaħ u wkoll għat-tindif, bħas-soltu. Id-data tal-*Buffet Breakfast* li għad irid ikun organizzat f'Novembru għadha mhix magħrufa.

11. Nhar it-Tlieta, 22 ta' Ottubru fil-5.00pm se tkun qed tinżamm laqgħa ma' Daniel Tabone tal-*Greenpak Co-op* u fiha se nisħqu sabiex *Greenpak Co-op* tbattal aktar spiss ir-reċipjenti tal-*Bring in sites,* issa fil-bidu tal-iskema l-ġdida li kienet għadha kemm tiġi approvata mill-KLM.

12. Dwar il-ħaddiema ta' *District Operations Ltd*, Charlene Zammit qalet illi hi kellmet lil Kenneth Cutajar biex tara f'hiex jikkonsisti l-kuntratt/Memorandum. Intant il-haddiema m'għadhomx jiffirmaw fuq l-attendenza. Il-KLM talab lill-istess *District Operations* sabiex jikkonfermaw illi sabulhom post ma' xi entita' oħra.

13. Grace Marie Mallia talbet lis-SE sabiex jara jekk għalaqx il-kuntratt tal-knis tat-toroq urbani ħalli f'każ li dan għalaq, jinħareg ieħor. Grace Marie Mallia aktar tard fil-laqgha talbet sabiex nivverifikaw jekk nistgħux nimpjegaw kennies magħna direttament.

14. Il-KLM se jibghat *e-mail* lil *Faces Consultant Ltd* dwar il-bank maqlugħ li hemm fil-Pjazza tar-raħal fil-*bus shelter,* peress li dan hu ta' periklu għall-*pedestrians.*

15. Ghat-talba ta' €14,000 mill-Aġenzija tal-Pagament, wara l-insistenza tagħhom waqt laqgħa li saret apposta mas-SE, Charlene Zammit qalet illi sakemm ma jkunx hemm prova dokumentata bil-miktub u *Supported Documentation per se* wara li jkunu rikonċiljati l-kont tal-bank mal-invoices, il-KLM mhux se jħallas ewro wieħed u lanqas se jgħaddi l-flus li hemm jidhru bħala bilanċ fuq il-kont tal-bank.

16. Sadanittant għadu għaddej is-smiegħ tal-każ *Schembri Barbros Ltd* vs KLM u s-seduta li

jmiss hija fit-28 ta‘ Settembru f'nofs in-nhar fil-Qrati ta’ Malta.

17. Dwar il-ġibjun il-miftuħ, Michel Farrugia qal li jekk il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, jew il-*Public Works* mhux se jnaddfuħ, għandna nżommuhom responsabbli għall-ispiża li qed jinkorri l-KLM. Charlene Zammit qalet illi dan irid jitnaddaf u nistgħhu naraw 'l quddiem min suppost inaddfu, peress li issa dan tbattal mill-ilma u fadal biss il-ħama. Fost it-talbiet kollha li saru mill-KLM biex jintbagħtu l-istimi daħlet waħda biss ta’ Joe Farrugia ta' elf u disgħa mitt ewro li kienet approvata aktar tard fil-laqgħa.

18. Se ssir laqgħa mal-LESA, l-Pulizija u l-Kazini tal-banda nhar id-29 ta‘ Settembru 2016 fil-5.30pm fl-uffiċċju tagħna sabiex ikun stabbilit l-aħjar mod kif se jkun immaniġġjat it-traffiku fil-festi, għal aktar sigurta’ fit-toroq.

19. Is-Sindku semmiet l-istedina li saret mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għal nhar il-14 ta’ Settembru, fil-Barrakka ta‘ Fuq fejn hu mistenni li jkun iffirmat *Memo of Understanding* mar-Reġjuni biex isir studju dwar x'hemm bżonn isir fil-lokalita' tagħna, cioe’ dwar l-aspett soċjali, kulturali u s-saħħa.

20. Is-Sindku qalet illi kellmuha r-residenti ta' Triq il-Pal minħabba ħmieġ iġġenerat minn xi ħwienet f’din it-triq u talbu li jsir *litter bin* hemmhekk. Is-SE qal illi jekk ma’ jaċċettawħx tal-ħwienet, possibilment il-ħanut tal-merċa, tas-sbuħija, jew dak taż-żebgħa li jiġġeneraw ukoll diversi skart, ikun diffiċli li dan jitpoġġa quddiem xi residenza. Intant Michel Farrugia talab li jerga’ jitwaħħal *litter bin* iehor fi Triq iċ-Ċavi kantuniera ma’ Triq Santa Marija.

21. Ġew diskussi l-problemi ta’ parkeġġi irregulari quddiem il-*Convenience Shop* u quddiem l-iskola u kien deċiż sabiex issir talba lill-LESA sabiex jitwaħħlu CCTV *camera* quddiem il-*Convenience Shop* u quddiem l-iskola. Din it-talba se tkun indirizzata lill-LESA minħabba parkeġġ ħażin saħansitra fil-kantunieri u fuq bankini.

22. Infetħu n-nomini ta’ Ġieħ l-Imqabba 2016 li se jingħata nhar it-22 ta‘ Ottubru. Waħda kienet mimlija b’mod validu u fiha kien nominat Jerry Ghigo (li nqrat is-CV tiegħu) filwaqt li l-oħra kienet f’forma ta’ ittra anonima (li nqrat ħafna minnha) li biha kien nominat Nikolai Farrugia, l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ. Qabel ma’ nqrat is-CV, Grace Marie Mallia iddikjarat interess fil-każ ta' Jerry Ghigo għax jiġi sekonda kuġin tagħha. It-trasmissjoni bil-*live streaming* (*sound* biss) kienet sospiża. Michel Farrugia qal illi n-nomina ta‘ Jerry Ghigo hija waħda partiġġjana, pero' minħabba li kien imsemmi is-sehem ta’ Jerry Ghigo fil-karnival, hu ma kellux oġġezzjoni għan-nomina. Charlene Zammit qalet li minkejja li kulħadd kellu l-opportunita li jinnomina, il-KLM irċieva biss nomina waħda valida. Fil-passat Ġieħ l-Imqabba ingħata lil persuni li huma affiljati ma soċjeta’ partikulari u ssemmew il-presidenti taż-żewġ każini, u sostniet illi jekk in-nomina ta’ Jerry Ghigo ma tintlaqgħax minħabba l-involviment tiegħu f’soċjeta’ mużikali partikulari, nistgħu Ġieħ l-Imqabba ma nagħtuhx, għax fir-raħal kważi kulħadd hu affiljat ma’ soċjeta’ partikulari. Hija qalet li n-nies involuti fis-soċjetajiet jagħmlu ħafna xogħol li ta’ min jirrikonoxxih. Paul Spiteri qal illi ġaladarba din hija l-unika nomina lanqas hu *m’għandu problema*. B’mod unanimu it-tliet kunsillieri qablu li dan l-unur imur għal Jerry Ghigo filwaqt li Nikolai Farrugia jingħata l-unur tal-mertu u se jingħata wkoll rikonoxximent lis-Sur Omar Farrugia.

23. Se ssir laqgħa b’urġenza mal-kazini minħabba *Festa Ravjul* nhar il-Ħamis 15 ta‘ Settembru fis-7.00pm ħalli naraw jekk l-attivita’ humiex se jeħduha l-każini f’idejhom u jekk le, jistax jaqdina xi organizzatur. Il-għan hu li nerġgħu norganizzawha bħas-sena l-oħra u jitwaddab ukoll ir-ravjul mill-galleriji tal-każini tal-banda. Dwar il-marċ, is-Sidku qalet illi dan mhux

jimmotiva lin-nies u qed jiswina ħafna flus, u għaldaqstant hija xtaqet li l-każini jdoqqu l-fanfarra flimkien u fl-istess waqt isir *mini concert* waqt li qed jieklu r-ravjul in-nies fil-pjazza. Għaldaqstant se jinkera' palk biex fuqu wkoll jiddebuttaw xi kantanti u żeffiena.

24. Dwar il-ħatra ta' Deputat Segretarju Ezekuttiv, is-SE qara iċ-ċirkulari mibgħuta mid-Dipartiment Gvern Lokali waqt il-laqgħa biex dan ikun jista' jiġi appuntat skont iċ-ċirkulari. Kien miftiehem illi s-SE jipprovdi l-lista tas-SE li huma fil-*pool*. Is-suġġett se jerġa' jiġi mqajjem fis-seduta li jmiss.

25. Is-Sindku qrat iċ-ċirkulari mibgħuta mid-Dipartiment Gvern Lokali dwar il-gwida li qed joffri biex ikunu segwiti l-Ordnijiet Permanenti mil-Kunsilli Lokali. Il-KLM se jagħmel minn kollox biex jesegwihom.

26. Kienet approvata ċ-ċedola tal-pagamenti numru 521.

27. Kienet mogħtija il-lista tal-korrispondenza li bagħtna u li rċevejna, eskluż l-emails li jkunu kkupjati lil kulħadd hekk kif nirċevuhom.

28. F'punti oħra, Grace Marie Mallia semmiet Ġnien Tfal ir-Raħal. Hawn intqal illi hemm bżonn jinbidlu diversi lampi u peress li hu diffiċli ferm biex dawn ikunu identifikati, tajjeb li jsir l-eżerċizzju tal-enumerar tal-lampi.

29. Is-Sindku semmiet il-bżonn li ikun hemm *refreshing* tad-*disabled parking bay* tal-Pjazza tal-Knisja.

30. Michel Farrugia saħaq fuq it-tisqija tas-siġar taż-żebbuġ fi Ġnien Tfal ir-Raħal.

31. Il-laqgħa ntemmet fid-9.10pm u l-KLM se jiltaqa' fl-4 ta' Ottubru, 2016 fis-6.00pm.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 4.10.16 minn Dr Charlene Zammit
Segretarju Ezekuttiv Sindku